# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Saviour Baldacchino]

[Spettur Carol Fabri]

vs

- Omissis -

Ellie Briffa

Kumpilazzjoni Numru: 549/2015

Illum, 11 ta' Frar, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra -Omissis- u Ellie Briffa, detentrici tal-karta tal-identita` numru 356793M, akkuzati talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zmienijiet differenti, jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Talli fl-14 ta' Marzu 2012 u/jew fil-granet u/jew xhur ta' qabel gewwa, l-Gzira, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Nicholas Farrugia u lil John Ellul kontra l-volonta` taghhom, jew taw il-post biex fih dawn il-persuni jigu arrestati, mizmuma jew issekwestrati. U dan bil-hsieb li jestorcu flus jew xi hwejjeg ohra, jew sabiex Nicholas Farrugia u John Ellul jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom;

2. Ukoll talli fl-istess data lok hin u cirkostanzi, irrikattaw lil Nicholas Farrugia u lil John Ellul bil-hsieb li jestorcu flus jew xi hag'ohra, jew li jaghmlu xi qliegh jew bil-hsieb li jgieghelu lil Nicholas Farrugia u lil John Ellul jaghmlu jew jonqsu li jaghmlu

xi haga u/jew permezz ta' theddid li jaghmlu denunzja jew kwerela kontra taghhom jew li jaghtu malafama.

3. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fil-15 ta' Frar, 2012 u/jew fi granet jew xhur ta' qabel; iffalsifikaw cekk proprjeta` tal-Bank of Valletta, bin-numru 1280 li meta gie pprezentat minnhom, ircevew s-somma ta' elfejn, mitejn u ghoxrin euro (€2,220) fi flus kontanti.

4. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-14 ta' Marzu, 2012 u/jew fi granet jew xhur ta' qabel, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' tlett elef, mitejn u sebghin Euro (€3270) ghad-dannu ta' John Ellul u ta' Nicholas Farrugia jew persuni ohra.

5. U wkoll talli saru recidivi b'diversi sentenzi mghotija lilhom mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mnaqsa jew mibdula skond Artoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Lil -Omissis-

6. -Omissis-

7. -Omissis-

8. -Omissis-

9. -Omissis-

10. -Omissis-

11. -Omissis-

12. -Omissis-

13. -Omissis-

Lil Ellie Briffa wahidha akkuzata talli:

14. Nhar l-14 ta' Marzu, 2012 u/jew fil-granet jew xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer b'xi mod li jkun, xjentement, ghenet jew assistiet lill-awtur tad-delitt u cioe` Justin Farrugia fl-atti li bihom id-delitti gew ippreparati jew ikkunsmati;

15. Talli nhar l-14 ta' Marzu, 2012 u/jew fil-granet u/jew xhur ta' qabel tlajjat f'xi triq jew f'post iehor pubbliku jew f'xi post espost ghall-pubbliku jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

Rat l-ezami tal-imputata fejn hija wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) (a fol. 379) fejn elenka l-

Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputata u cioe`:

a. fl-artikoli 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-artikolu 250(1)(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-artikoli 308, 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. fl-artikolu 167(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. fl-artikoli 42(d), 43, 183, 251B(1), 251A(1)(a)(b)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
h. fl-artikolu 7(2) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
i. fl-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta; u
j. fl-artikolu 17, 31, 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata mill-imputata tal-akkuzi kif dedotti kontriha u li kkonfermat tali ammissjoni anke wara li nghatat zmien opportun sabiex tikkunsidra l-posizzjoni taghha;

Rat il-verbal tat-tlettax (13) ta' Ottubru, elfejn u erbatax (2014) fejn intalab mid-difiza illi jsir *Social Enquiry Report* f'isem l-imputata, b'dan illi giet mahtura Dr. Marilyn Formosa ghal dan l-ezegwiment.

Rat illi hekk kif dettat mill-istess *Social Enquiry Report* (a folio 444 tal-process), Dr. Marilyn Formosa hejjiet pjan ta' kura, b'dan illi stqarret il-htiega li l-imputata tkun f'kuntatt ma' Agenzija li toffri l-ghajnuna ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u dan sabiex l-imputata tkun tista' tindirizza b'impenn dan il-vizzju kif ukoll illi ssib impjieg stabbli bl-ghan li zzomm 'il boghod mill-involviment taghha fil-kriminalita`.

Rat il-verbal tas-sitta (6) ta' Lulju, elfejn u hmistax (2015) fejn intalab mid-difiza illi s-*Social Enquiry Report* jigi konvertit fi *Pre-Sentencing Report*.

Rat illi fil-*Pre-Sentencing Report* (a folio 458), Dr. Marilyn Formosa sostniet illi:

> *"Mill-informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport jirrizulta li l-passat tal-imputata kien wiehed kaotiku hafna. Jidher li matul iz-zmien is-sitwazzjoni tidher li tjiebet xi ftit, madanakollu jidher li xorta ghad hemm problemi fejn jidhlu l-aspetti tax-xoghol u d-droga.*
>
> *Ghaldaqstant, fid-dawl tal-informazzjoni kollha migbura waqt il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport, qed jigi umilment rakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti li Ellie Briffa titqieghed taht Ordni ta' Probation skont l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u bhala wahda mill-kundizzjonijiet annessa ma' din l-Ordni hija*

*jkollha dik li ssegwi programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga sabiex hija tindirizza din il-problema, kif ukoll tkun tista' tahdem aktar fuqha nnifisha u tiehu l-ghajnuna sabiex issib xoghol stabbli."*

Rat l-atti kollha tal-kawza, senjatament il-fedina penali tal-imputata li hija wahda refrattarja.

Rat ukoll illi dwar l-aggravju tar-recidiva l-Ispettur Carol Fabri pprezentat zewg (2) sentenzi gudizzjarji fil-konfront ta' Ellie Borg u cioe`:

a. Il-Pulizija vs. Ellie Briffa, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali), Mag. Dr. Consuelo Scerri Herrera, nhar il-31 ta' Mejju 2012, fejn Ellie Briffa giet ikkundannata tlett xhur prigunerija, filwaqt illi ordnat is-sospensjoni tal-effett tal-Ordni tal-Probation. (a folio 294);
b. Il-Pulizija vs. Ellie Briffa, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali), Mag. Dr. Consuelo Scerri Herrera, nhar il-15 ta' Dicembru 2011, fejn Ellie Briffa

nstabet hatja tal-akkuzi dedotti b'dan illi giet illiberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin, filwaqt illi giet impoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 466 tal-Ligijiet ta' Malta (a folio 300).

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u anke fid-dawl tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-istess imputazzjonijiet.

Illi l-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputata diga` giet impoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 466 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta'sentenza tal-hmistax (15) ta' Dicembru elfejn u hdax (2011).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 86, 87, 250, 308, 310, 167, 49, 50, 42, 43, 183, 251B, 251A, 17, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 7 tal-

Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 fuq ammissjoni, qed issib lill-imputata Ellie Briffa hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata ghall-piena ta’ sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin. Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kodici Kriminali l-Qorti qieghda b’zieda mal-piena inflitta taghmel ordni ta’ supervizjoni li permezz taghha tqieghed lil Ellie Briffa taht is-supervizjoni t’ufficjal sorveljanti ghall-perijodu ta’ sentejn (2) mil-lum, liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Ellie Briffa l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**